Nicholas Grech
Male Ward 3A,
Sptar Monte Carmeli,
Attard.
Data: 20 ta' Marzu 2017

Ombudsman,

Qed niktiblek nistaqsik tistax tintervjeni fuq dawn l-ingustizzji u ksur sfaccat tad-drittijiet umani tieghi li qed insofri:

**Ingustizzja 1:**
Fis-26 ta' Gunju 2014 ma kontx gejt misjub hati mill-Qorti, fost l-ohrajn ta' l-annimali msallba fil-Mosta, imma disputabilment gejt "mibghut l-Isptar Monte Carmeli sakemm ikun hemm bzonn." Il-procedura biex nohrog, bil-ligi ezistenti dak iz-zmien, kienet li kelli nikteb lill-Ministru tal-Gustizzja Owen Bonnici, kif ghamilt f'ittra datata 14 ta' Lulju 2014, u fejn fost l-ohrajn tlabtu biex jirreferini lit-Tribunal ghar-Revizjoni tas-Sahha Mentali biex jarani u jiddecidi jekk nistax nohrog. Il-Ministru jidher li ma kienx jaf kif tahdem ezatt il-ligi u ppretenda li jkun il-Psikjatra li jikteb f'isem il-pazjent u mhux jien. Wara xi xahrejn mohlija inutilment jirrifjuta li jipprocedi, fl-ahhar irrejalizza li kien zbaljat u rreferini lit-Tribunal f'Settembru '14, liema Tribunal irrifjuta t-talba tieghi (sirt naf b'din id-decizjoni mhux ghax qaluli imma minn artiklu fil-media fuq il-Malta Independent tal-14 ta' Marzu 2015, ghax il-Magistrat Apap Bologna li kien jippresiedi t-Tribunal kien miet ftit wara li dehert quddiemu, f'Ottubru '14). Mhux b'kumbinazzjoni, f'Ottubru '14 il-Ministru bidel l-istess ligi u din id-darba ghamilha li jrid ikun il-Psikjatra li jikteb f'isem il-pazjent u mhux il-pazjent. Sakemm indrat il-procedura tal-ligi l-gdida u gew iccarati xi punti, lahqu ghaddew mal-5 xhur ohra sakemm lejn Marzu '15 il-Psikjatra kiteb lill-Ministru biex jirreferini lit-Tribunal li kien gie kompost mill-gdid bil-ligi l-gdida (fiha l-Psikjatra applikali biss biex nohrog bil-leave u mhux biex nigi discharged). Dik id-darba l-Ministru, flok irreferini lit-Tribunal, ghazel li jtawwalli l-process billi baghat ghall-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Avukat Generali (mhux it-tnejn f'salt imma wiehed wiehed biex aktar itawwalli l-process). Kien biss meta qrabati marru jkellmu lill-Ministru f'Jannar '16 u qalulu li ma kontx gejt misjub hati kriminalment, li l-Ministru kkonceda li jista jghaddi minghajr il-parir ta' dawn it-tnejn, u lejn l-ahhar ta' Marzu '16 irreferini lit-Tribunal wara aktar minn sena mohlija inutilment u intenzjonalment minnu. Din id-darba t-Tribunal approva li nohrog u baghat din ir-rakkomandazzjoni lill-Ministru lejn Mejju '16. Ghal darba ohra, l-Ministru flok ipproceda biex inkun nista nibda nohrog bil-leave, ghazel li jkompli jtawwalli l-process billi jinqeda b'diversi skuzi, daqqa ghax qed jibza' mir-reazzjoni tal-media u daqqa ghax irrid inqabbad avukat ghax la dhalt l-isptar bil-Qorti rrid nohrog bil-Qorti (dan qaluhomli s-segretarji fi hdan il-Ministeru meta cempilt). Wara xi 3 xhur ohra mohlija inutilment u intenzjonalment, ghazilt li nikteb lill-Prim Ministru f'Awissu '16 nilmenta mill-abbuz ta' poter tal-Ministru li kull darba qed itawwalli l-process ghalxejn u ntenzjonalmet u nitolbu biex jiehu passi. Ir-rejazzjoni tal-Ministru kienet li aktar ivvendika ruhu minni billi ghal darba ohra rega' talab il-parir ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija (ghal darba ohra mhux flimkien imma wiehed wiehed biex ikompli jtawwalli l-process kemm jiflah) biex s'issa, wara 7 xhur ohra mohlija fix-xejn, ghadni mwahhal ma nistax nohrog nistenna l-parir taghhom, u dan kollu biex nibda nohrog bil-leave u mhux biex nigi discharged ghal kollox mill-isptar. Wiehed jistaqsi, jekk l-ewwel darba kkonceda li joqghod minghajr il-parir taghhom, ghaliex rega talab ghat-tieni darba l-parir taghhom li ma kienx ghajr abbuz ta' poter. Dan kollu mhux hlief ksur sfaccat tad-drittijiet umani tieghi ghax ifisser li jien qed ikolli nibqa' ninzamm maqful sakemm jasal il-parir taghhom. Dan kien precedent ghax x'aktarx qatt ma kellek Ministru li ma qaghadx fuq ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal u qaghad jibghat ghall-parir ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija, fil-kaz tieghi mhux ghal darba imma sahansitra ghal darbtejn. Ukoll il-Qorti kienet halliet f'idejn it-Tribunal biex jiddecidi d-destin tieghi u mhux fuq il-parir ta' dawn it-tnejn. Tista' facilment tinvestiga dan l-abbuz ta' poter u ngustizzja kbira fost l-ohrajn mid-dati ta' l-ittri fil-file tieghi li hemm fl-istess Ministeru.

**Ingustizzja 2:**

Kont gejt arrestat fl-19 ta' Marzu 2014 u ttellajt il-Qorti l-ghada u fost l-akkuzi li ghamluli l-Pulizija kien hemm ta' mohqrija ta' annimali, qtil ta' annimali domestici, vjolazzjoni ta' l-oqbra u vjolazzjoni /desacration ta' qabar fl-osswarju. Il-gravita ta' l-akkuzi fissret li ntbaghat mill-ewwel fil-Forensic fl-Isptar Monte Carmeli minghajr ma qatt kelli cans nohrog bil-liberta provizorja u nikkoordina l-affarijiet ahjar. Dawn ma kienux hlief akkuzi nfondati ntenzjonati biex jiffrejmjawni (frame-up), biex jinstigaw il-mibgheda tan-nies kontrija, biex jaghmlu hsara lir-reputazzjoni tieghi, u biex ipenguni bhala bniedem mentali / mignun fost l-ohrajn. Bhala ciklist kont ninzerta diversi annimali mejtin fi triqti ghax-xoghol u lura, maqtula mill-karozzi, u li jien ghazilt li nutilizzhom b'dak il-modd, cioe li nsallabhom u ndendilhom f'diversi bnadi fir-rahal tieghi l-Mosta. Il-Pulizija kienu jafu minn qabel li jien ma nahqarx annimali tant li lanqas biss indenjaw jinvestigaw lit-3 qtates li kelli bhala pets id-dar ghal xi forma ta' maltrattament, meta ta' lanqas rapport issoltu jibghatulek ruxmata ufficjali ta' l-animal welfare, veterinarji w il-kummissarju ta' l-annimali. Jekk ma tinvolvix lill-Kummissarju ta' l-annimali f'kaz bhal dan meta jien mhux semplici maltrattament kelli, imma sahansitra akkuzawni b'mohqrija u qtil, mela meta trid tinvolvih? Ironija ohra hi li lanqas lili ma nvestigaw jekk kelliex xi grif ghax ma nahsibx li annimal se jhallik tahqru minghajr ma jirrejagixxi. Kontradizzjoni ohra hi kif jista' wiehed jigi pignut hekk kattiv u mignun li jasal biex jahqar u joqtol diversi annimali u mbaghad ma jigix imcahhad milli jzomm annimali fil-futur. Tant kien hemm kontradizzjonijiet f'dawn l-akkuzi ta' mohqrija u qtil ta' annimali li sahansitra l-psikjatri waqt il-perizji emmnu l-verzjoni tieghi u nizzlu fiha li ma hqart l-ebda annimali. Rigward l-akkuzi ta' vjolazzjoni ta' l-oqbra, dan ma kienx hlief ir-ricerka li kont qed naghmel fuq il-knisja l-qadima tal-Mosta li l-fdalijiet taghha ghadhom jidhru fil-kennierja tal-knisja tal-Mosta. Kont ghamilt diversi mfietah u kont nidhol hemm bil-lejl niehu r-ritratti u l-qisien tal-post u altru li ma dhaltx bl-intenzjoni li nisraq (kieku ridt nisraq mhux t'hemm kont naghmel imfietah, fejn skuzi hlief hmieg u mbarazz m'hemmx). Allura kull minn jidhol f'cimiterju jkun qed jaghmel vjolazzjoni ta' l-oqbra? Fuq l-akkuza ta' desacration ta' qabar fl-osswarju, din ma kinitx hlief ritratt ta' bieb li ftaht fl-osswarju u fil-fatt din l-akkuza hi gidba minnha nfiha ghax fl-osswarju m'hemm l-ebda oqbra, biex tkompli zzid mal-kontradizzjonijiet ta' l-akkuzi. Kieku l-akkuzi saru kif suppost, cioe (a) li hammigt postijiet pubblici b'annimali mejta u (b) li dhalt fil-kennierja tal-knisja bla permess, kien jaghmel differenza kbira fil-Qorti u f'ghajnejn il-pubbliku/media. Nhossni vittma tas-sistema u li d-drittijiet umani tieghi ghal smiegh xieraq gew vjolati b'konferenza lill-media mill-Pulizija qabel biss tellghuni l-Qorti, li flimkien ma l-akkuzi nfondati, pregudikawli l-kaz u wassal lill-media biex jirreferu ghaliha bhala "cat killer" u "qattiel tal-qtates" fost l-ohrajn apparti l-kummenti ta'mibgheda li l-media hallew jigu ppublikati fuqi fuq il-websites taghhom (sahansitra kellek l-istazzjon ta l-istat li tarah kwazi Malta kollha fl-ahbarijiet jghid: Nicholas Grech li qatel u sallab u mhux Nicholas Grech akkuzat li qatel u sallab). Fil-fatt gejt imcahhad mid-dritt fundamentali tal-bniedem li jien innocenti qabel ninstab hati; minflok gejt ikkundannat mill-bidunett meta kienu ghadhom lanqas biss tellghuni l-Qorti. Ktibt lil diversi awtoritajiet biex jinvestigaw u jiehdu passi fuq l-abbuzi gravissimi tal-Pulizija fosthom lill-istess Ministru tal-Gustizzja fl-14/07/14, lill-President Mary Louise Coleiro Preca fit-12/08/15, lill-Prim Ministru Joseph Muscat fl-4/08/16, lill-Ministru ta' l-Intern Carmelo Abela fid-19/10/16 responsabbli mill-Pulizija, u lill-istess Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar fis-16/12/16 izda s'issa baqghet ma saret l-ebda nvestigazzjoni. Lill-Ministru tal-Gustizzja kont gharraftu b'dawn l-abbuzi tal-Pulizija fl-istess ittra li kont ktibtlu biex jirreferini lit-Tribunal u li kien jaghmel il-kaz tieghi bil-wisq anqas gravi milli gie pingut, u aktar u aktar ma kellux raguni ghalfejn joqghod jiehu l-parir ta' l-AG u tal-kummissarju tal-Pulizija, imma xejn lanqas almenu ma talab ghall-investigazzjoni kif tlabtu fil-frattemp (ifisser li mieghi joqghod jimxi bil-kumpass u l-klamar kif jghidu u mal-Pulizija t'abbuzi bhal dawk ihallihilhom ghaddejja lixxa). Ghaldaqstant nitlob biex tuza l-awtorita tieghek u tinvestiga jew tordna li jigu nvestigati l-Pulizija fuq dawn l-abbuzi u l-akkuzi nfondati li ghamluli (il-Pulizija nvoluti kienu l-ispetturi Joseph Busuttil u Edmond Cuschieri u l-ex Deputat Kummissarju tal-Pulizija Raymond Zammit, illum Kap tal-LESA).

**Ingustizzja 3:**

Meta rajt li (a) l-kaz gie hekk pregudikat bl-akkuzi nfondati u l-ghajdut foloz li tqanqlu mill-konferenza stampa tal-Pulizija li wassal biex il-media kollha tirreferi ghalija bhala 'cat killer' fost l-ohrajn u (b) l-avukat ma kienx qed jiddefendini u jsemmi l-kontradizzjonijiet ta' l-akkuzi minkejja li qrabati dejjem hallsuh fil-hin, u (c) qed nirriskja nehel b'akkuzi gravissimi li m'ghamiltx (frame-up), ma kelliex triq ohra hlief li nigdeb fil-perizji (altru li ma gdibtx b'kapricc) u nghid li kont taht stress izda tort tal-gravita ta' l-akkuzi li kelli u l-pregudizju u pressjoni mill-bidu mill-media u kummenti tan-nies (il-media hallew kummenti tan-nies mimlija mibgheda lejja jigu ppubblikati), l-Psikjatri kabbruha li jien schizophrenic meta jien qatt ma wrejt sintomi ta' schizophrenia (dawn ikunu nies jisimghu l-ilhna u jaraw vizjonijiet). Fil-fatt il-perizji huma bbazati fuq gidba, li ghamilt li ghamilt ghax waqaft niehu l-kura fiz-zmien tar-reati, li ma kienetx tikkonsisti hlief pirmla wahda u zghira ta' 2mg kuljum (kieku kelli ruxmata pirmli nghid forsi), u li jien ma hadtix mhux biss fit-3 snin ta' qabel l-arrest imma lanqas fid-9 snin ta' qabel (b'kollox 12-il sena) meta suppost kont nihodha ghax qatt ma kelli fiducja fil-Psikjatra David Cassar li ordnahhili. Fil-fatt dan kien sejjah seduta l-Qorti fl-12/06/02 (fuq kaz iehor biss li kelli l-Qorti, mhux sena jew sentejn qabel dan il-kaz, imma addirittura 13-il sena qabel, fl-2001) propju ghax ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali u konsegwenza t'hekk zammni maqful sad-19/07/02, ghal 37 jum, fl-isptar Monte Carmeli u meta hrigt b'aktar konvinzjoni ma hadtx il-kura tieghu minkejja li kont nghidlu li nihodhom ghax nirriskja jerga' jaqfilni. Ma rnexxilux jikkonvincini bil-kelma t-tajba, tista' tobsor kemm seta' kkonvincini bit-theddid. Sahansitra wara, fl-2002, kont anki rrapurtajtu lil dak li kien it-Tribunal ghas-Sahha Mentali u lill-Kunsill Mediku. Prova ohra li qatt ma hadt il-pirmli huma kaxxi bil-pirmli datati 2005 li ghandi ghadhom mhux mittiefsa u bit-tikketta DH, l-ahhar batch li gibt ghax sahansitra lanqas kont bqajt ingibhom mill-ispizeriji tal-Gvern. Lil Psikjatra Cassar gharraftu f'ittra datata 9/10/16 li ma kont qatt hadt il-pirmli tieghu u biex jinforma lill-Qorti ghax kont gdibt fil-perizja u biex jitkomplew il-proceduri kontrija, izda xorta baqa' jinsisti li jien schizophrenic ghax ma ridtx imur lura minn kelmtu u jirtira dak li lahaq kiteb fil-perizja. Il-kura li qed ninghata: l-ewwel tawni injection kull 4 gimghat li gabitni l-hin kollu nixxengel, bla sabar, ma norqodx u rrid naghmel suwicidju (whud mis-side effects taghha) u mbaghad qalibni ghall-injection ohra kull gimghatejn li gabitni nsofri minn impotenza u insomnia (ma torqodx) fost l-ohrajn. Infurmajt lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali b'dan u li kont gdibt fil-perizja f'4 ittri izda baqa' ma sar xejn. Ukoll fil-perizji qabdu ikkundannawni ta' mentali / schizophrenic minghajr ma hadu 'n konsiderzzjoni dawn il-fatturi mportanti:

1. Li sa qabel l-arrest fid-19/03/14, jien kont nahdem t'inginier u f'xoghol ta' responsabilta, ma kontx xi wiehed niggerra barra, u hadd qatt mix-xoghol jew minn tal-familja ma rrapporta xejn abnormali fuqi.
2. Li kont naqdef bir-rota fuq 300km fil-gimgha qalb il-genn tal-karozzi u hafna drabi fl-eqqel tat-traffic minghajr ma qatt kelli ncident. Apparti dan, it-training kien ifisser 'a healty mind in a healty body'.
3. Biex ghamilt l-imfietah biex dhalt fil-kennierja tal-knisja (12 b'kollox) ridt certu kunfidenza fija nnifsi, altru ma kontx xi wiehed imkisser mentalment jew depressed.
4. Ma kont qatt hadt gurnata sick leavi fi 15-il sena li kont ilni nahdem ghajr meta l-Psikjatra David Cassar qafilni ghal-37 jum fl-2002 propju ghax ma ridtx niehu l-pirmli li ordnali, cioe ma kontx xi wiehed marradi jew addirittura niehu s-sick leave ghax b'xi depression jew tort ta' xi mard mentali iehor, ecc.
5. Il-fatt li kelli 3 qtates id-dar bhala pets, b'annimal deskritt bhala l-aqwa habib tal-bniedem, altru li ma kellix problemi ta' solitudni, cioe meta kont inkun id-dar ma kelliex ghalfejn inkun imdejjaq.
6. Il-fatt li kull ma kelli kienet pirmla zghira ta' 2mg kuljum, tista' tghid li ma kelli kwazi xejn; nihodha u ma nihodhiex altru ma kinitx se taghmel xi differenza.
7. Il-fatt li minkejja li gharraft lill-istess Psikjatra Cassar fid-9/10/16 li qatt ma hadt il-pirmli u li dan il-fatt kien jaghmel differenza kbira ghax fil-perizji bbazaw kollox l-agir t'ghemili fuq dan il-fatt (ghax waqaft niehu l-kura), xorta baqa' jinsisti li jien marid biex tara kemm hu biased u mparzjali u jrid biss akkost ta' kollox u minghajr raguni ta' xejn jikkundannani ghall-ghomri ta' mentali.

Ghaldaqstant nitolbok tinvestiga din l-ingustizzja kbira u l-abbuz tal-Psikjatra David Cassar li jrid akkost ta' kollox ipengini ta' mentali ghall-ghomri, u tordna li ssir perizja ohra li fiha ma jkunx hemm Cassar ghal ragunijiet ovvji, u ghall-bzonn jitkomplew il-proceduri kontrija fil-Qorti. Din li gejt ikkundannat ghall-ghomri ta' mentali b'marda kronaka (schizophrenia) u li jien qatt ma wrejt sintomi taghha tfisser li, darba nohrog, (a) tispicca tirrovinali hajti ghax fost l-ohrajn ma nista' qatt insiefer (kull gimghatejn irrid noqghod nigi ghall-injection), (b) ma nista' qatt nahdem mal-privat ghax jghidli nibghatek training barra nghidlu ma nistax ghax imissni l-injection, u (c) rrovinatli sahhti ghax gabitni nkapacitat (impotenza, ma norqodx – tortura mentali, ecc.), altru mhix cajta.